MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1611/2005

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Alfred Fenech**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici tablet hlas tas-somma ta' mitejn u tmintax il-lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm218.25) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 1002183 in rigward ta' servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici fix-xhur ta' Dicembru 2004 u Frar 2005, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra ufficjali datata 30 ta' Gunju 2005 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma'l-Avviz.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz fis-7 ta’ Settembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta’ mitejn u tmintax il-lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm218.25) b’l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------